



L-Avukat Ġenerali Wahl iqis li l-appell ta' Intel kontra l-impożizzjoni ta' multa ta' € 1.06 biljun minħabba abbuż minn pożizzjoni dominanti għandu jintlaqa'

Il-kawża għandha tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali għal eżami ġdid.

Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 2009¹, il-Kummissjoni imponiet multa ta' € 1.06 biljun fuq Intel, kumpannija li timmanifattura l-mikroproċessuri, stabbilita fl-Istati Uniti, talli abbużat minn pożizzjoni dominanti fis-suq tas-central processing units (CPUs)² x86³, bi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea u taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Barra minn hekk, il-Kummissjoni ordnat lil Intel ittemm immedjatement dan il-ksur sa fejn hija ma kinitx diġà għamlet dan.

Skont il-Kummissjoni, Intel abbużat mill-pożizzjoni dominant tagħha fis-suq dinji tas-CPUs x86 minn Ottubru 2002 sa Diċembru 2007, billi implementat strateġija intiża għall-esklużjoni ta' kompetitur, Advanced Micro Devices Inc. (AMD)⁴, mis-suq.

Il-Kummissjoni qieset li Intel kienet f'pożizzjoni dominanti abbażi tal-fatt li hija kellha sehem tas-suq ta' madwar 70 % jew iktar, u li kien estremament diffiċli li kompetituri jidħlu u jespandu minħabba n-natura mhux rekuperabbli tal-investimenti li għandhom isiru fir-riċerka u l-iżvilupp, fil-proprietà intellettuali u fil-faċilitajiet ta' produzzjoni.

Skont il-Kummissjoni⁵, il-ksur kien ikkaratterizzat minn diversi miżuri adottati minn Intel fir-rigward tal-klijenti tagħha stess (manifatturi tal-kompjuters) u ta' Media-Saturn-Holding GmbH, il-bejjiegħa bl-imnut Ewropea ta' mezzi mikroelettroniċi.

Għalhekk, Intel tat lil erba' manifatturi prinċipali tal-kompjuters (Dell, Lenovo, HP u NEC) tnaqqis li kien suġġett għall-kundizzjoni li huma jixtru s-CPUs x86 kollha tagħhom jew kważi kollha mingħand Intel. Intel tat ukoll flasijiet lil Media-Saturn, li kienu suġġett għall-kundizzjoni li din tal-aħħar tbigħ esklużivament kompjuters li kellhom CPUs x86 ta' Intel. Skont il-Kummissjoni, dan it-tnaqqis u dawn il-flasijiet kellhom il-konsegwenza li jiżguraw il-fedeltà tal-erba' manifatturi u ta' Media-Saturn, u għalhekk naqqsu b'mod sinjifikattiv il-kapaċità tal-kompetituri ta' Intel li jikkompetu fuq il-bażi tal-kapaċitajiet tas-CPUs x86 tagħhom. Bħala konsegwenza, l-imġiba antikompetittiva ta' Intel ġabet magħha tnaqqis fl-għażla tal-konsumaturi u inċentivi iktar baxxi għall-innovazzjoni.

¹ Ġie ppubblikat sunt tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali C 227 tat-22 ta' Settembru 2009, p.13. Ara wkoll l-istqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni [IP/09/745](#) tat-13 ta' Mejju 2009 u [MEMO/09/400](#) tal-21 ta' Settembru 2009.

² Is-CPU huwa komponent prinċipali ta' kull kompjuuter, kemm f'termini ta' prestazzjoni kif ukoll ta' spiża tas-sistema. Ta' spiss dan jitqies bħala l-"moħħ" tal-kompjuuter. Il-proċess ta' manifattura ta' mikroproċessuri jeħtieġ faċilitajiet High-tech li jiswew ħafna flus.

³ Is-CPUs użati fil-kompjuters jistgħu jiġu suddiviżi f'żewġ kategoriji, jiġifieri s-CPUs x86 u s-CPUs ibbażati fuq arkitettura oħra. L-Arkitettura x86 hija prodott standard imfassal minn Intel għas-CPUs tagħha. Din tista' topera kemm is-sistema ta' operazzjoni Windows kif ukoll dik Linux. Windows hija primarjament konnessa mas-sett ta' istruzzjonijiet x86

⁴ Qabel is-sena 2000 kien hemm diversi manifatturi ta' CPUs v86. Madankollu, illum "il-ġurnata l-parti l-kbira ta' dawn il-manifatturi ma għadhomx joperaw fis-suq.

⁵ Skont il-Kummissjoni l-ksur inkwistjoni kien jikkostitwixxi "ksur uniku u kontinwat".

Billi bbażat ruħha fuq il-Linji Gwida tal-2006, il-Kummissjoni imponiet multa ta' € 1.06 biljun fuq Intel. Intel ressqet rikors kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali u fih talbet l-annullament ta' din id-deċiżjoni jew, minn tal-inqas, tnaqqis sinjifikattiv tal-multa⁶.

Fit-12 ta' Ġunju 2014⁷, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' Intel fit-totalità tiegħu.

Intel appellat mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fuq il-bażi li din wettqet żbalji ta' liġi (i) fil-karatterizzazzjoni legali ta' tnaqqis bħala "tnaqqis għal esklużività"; (ii) fil-konstatazzjoni ta' ksur fl-2006 u fl-2007 u fl-analiżi tar-rilevanza ta' kopertura tas-suq; (iii) fir-rigward tal-klassifikazzjoni bħala "tnaqqis għal esklużività" ta' ċerti arranġamenti ta' tnaqqis li sempliċement ikopru għadd żgħir ta' xirjiet li jagħmel klijent; (iv) fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-assenza ta' obbligu li intervista li l-Kummissjoni kellha ma direttur ta' Dell tiġi rreġistrata; (v) fir-rigward tal-ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-arranġamenti ta' Intel fiċ-Ċina ma' Lenovo; (vi) fir-rigward tal-ammont tal-multa u tal-applikazzjoni retroattiva tal-Linji Gwida tal-2006 għall-kalkolu tal-multi.

Fir-rigward tal-ewwel aggravju, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-Illum l-Avukat Ġenerali Nils Wahl jinnota li l-Qorti Ġenerali kkonstatat li t-tnaqqis mogħti lil Dell, HP, NEC u Lenovo huwa "tnaqqis għal esklużività" u, minħabba din il-klassifikazzjoni, ma qisix li kien meħtieġ li tevalwa l-kapaċità ta' tali tnaqqis li jirrestrinġi l-kompetizzjoni.

L-Avukat Ġenerali jfakkar il-prinċipju li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-preżunzjoni ta' illegalità tat-tnaqqis għal fedeltà, iżda jinnota li fil-prattika l-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti qieset iċ-ċirkustanzi kollha "sabiex taċċerta jekk l-imġiba kkontestata tammontax għal abbuż minn pożizzjoni dominanti. Analiżi tal-kuntest tal-imġiba kkontestata hija intiża li taċċerta li jkun ġie stabbilit, sal-istandard legali meħtieġ, li impriża tkun abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha. Jekk ma jkunx hekk, imġiba li, xi drabi, sempliċement ma tkunx kapaċi tirrestrinġi l-kompetizzjoni tinqabad bi projbizzjoni ġenerali. Tali projbizzjoni ġenerali jkollha r-riskju taqbad u tippenalizza mġiba favur il-kompetizzjoni.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali jikkonkludi li **l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li t-"tnaqqis għal esklużività" huwa kategorija separata u unika ta' tnaqqis li ma jeħtieġx teħid inkonsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha sabiex jiġi stabbilit abbuż minn pożizzjoni dominanti.**

Barra minn hekk, l-Avukat Ġenerali jkompli jiddikjara li **l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-evalwazzjoni sussidjarja tagħha tal-kapaċità billi naqset milli tistabbilixxi, abbażi taċ-ċirkustanzi kollha, li t-tnaqqis u l-ħlasijiet offruti mill-appellanti kellhom, wisq probabbli, effett ta' esklużjoni antikompetittiva.**

Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-Avukat Ġenerali jfakkar li l-Qorti Ġenerali qieset li kien biżżejjed li hija tagħmel analiżi globali tal-parti tas-suq li kienet eskluża bħala medja matul il-perijodu mill-2002 sal-2007. Abbażi ta' dan, hija qieset li kien irrilevanti li l-kopertura tas-suq kienet kunsiderevolment iżgħar matul is-snin 2006 u 2007.

Fl-opinjoni tal-Avukat Ġenerali, billi adottat dan l-approċċ, **il-Qorti Ġenerali rrinunzjat għal kriterju ta' kopertura suffiċjenti tas-suq u għalhekk naqset milli taċċerta li l-imġiba inkwistjoni kienet kapaċi li tirrestrinġi l-kompetizzjoni fl-2006 u fl-2007. Li kieku ma naqsitx li tagħmel dan, hija kien ikollha tikkonkludi li sehem marbut tas-suq daqshekk żgħir ma huwiex konklużiv sabiex tiġi stabbilita restrizzjoni tal-kompetizzjoni, fatt li ma jistax jiġi rrimedjat billi jiġi applikat il-kunċett ta' ksur "uniku u kontinwat".** L-Avukat Ġenerali jiddikjara li kull istanza għandha tikkostitwixxi wkoll fiha u minnha nfisha ksur. Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jissuġġerixxi li t-tieni aggravju għandu jintlaqa'.

⁶ Dan l-ammont ġie ddeterminat abbażi tal-valur tal-bejgħ ta' CPUs x86 iffatturat minn Intel lil impriżi stabbiliti fiż-ŻEE matul l-aħħar sena tal-ksur (EUR 3 876 827 021 fl-2007). Wara dan il-Kummissjoni ddeterminat porzjon ta' dan il-valur abbażi tal-livell ta' gravità tal-ksur (5 % mit-30 % possibbli), immultiplikat bin-numru ta' snin tal-ksur (ħames snin u tliet xhur, li jirriżulta f'multiplikatur ta' 5.5).

⁷ Kawża [T-286/09](#), ara wkoll l-istqarrija għall-istampa Nru [82/14](#).

Fir-rigward tat-tielet aggravju, l-Avukat Ġenerali jirrepeti l-opinjoni tiegħu li ma teżistix kategorija separata ta' "tnaqqis għal esklużività". Madankollu, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni, l-Avukat Ġenerali jqis li dan l-aggravju għandu jintlaqa' abbażi tal-fatt li "tnaqqis għal esklużività" huwa suġġett għall-kundizzjoni li l-klijent jixtri "dak kollu li jkun jeħtieġ jew kważi kollox" mingħand l-impriża dominanti, kundizzjoni li ma hijiex issodisfatta fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ. HP u Lenovo kien għadhom jistgħu jixtru kwantitajiet sinjifikattivi ta' CPUs x86 mingħand AMD.

Fir-rigward tar-raba' aggravju, l-Avukat Ġenerali jfakkar li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea timponi fuq il-Kummissjoni l-obbligu li tirreġistra l-intervisti sabiex ikun żgurat li l-impriżi ssuspettati li jkunu kisru r-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea jkunu jistgħu jħejju d-difiża tagħhom, u li l-qrati tal-Unjoni Ewropea jkunu jistgħu jistħarrġu jekk il-Kummissjoni tkunx użat is-setgħat tagħha skont il-parametri tal-liġi. Konsekwentement, fl-opinjoni tiegħu, **il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx kisret id-dritt tal-Unjoni Ewropea meta naqset milli torganizza u tirreġistra laqgħa kif meħtieġ taħt ir-regoli applikabbli.** Fil-fatt, **l-Avukat Ġenerali ma jaqbilx li tali irregolarità proċedurali tista' tiġi ssanata bin-nota fil-fajl suċċessiva** pprovduta mill-Kummissjoni għaliex din in-nota ma tirreġistrax is-sustanza tal-intervista li l-Kummissjoni kellha ma direttur ta' Dell. Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali jqis li anki r-raba' aggravju għandu jintlaqa'.

F'dak li jirrigwarda l-ħames aggravju u l-kwistjoni ta' jekk il-Kummissjoni kellhiex ġurisdizzjoni taħt id-dritt internazzjonali sabiex tibda proċeduri kontra Intel għall-imġiba antikompetittiva tagħha, l-Avukat Ġenerali ma huwiex konvint li l-allegat abbuż ta' Intel jista' jitqies li ġie implementat fiż-ŻEE. Fl-opinjoni tiegħu, **il-Qorti Ġenerali naqset milli tevalwa jekk l-effett antikompetittiv li jirriżulta minn ċerti ftehimiet bejn Intel u Lenovo setgħax jipproduċi effett antikompetittiv immedjat, sostanzjali u prevedibbli fiż-ŻEE** u għaldaqstant il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta applikat kemm il-kriterju ta' implementazzjoni u l-kriterju ta' effett "ikklassifikat" sabiex ma tilqax l-argumenti ta' Intel dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-multa imposta, l-Avukat Ġenerali jqis li **l-fatt li l-multa kienet tikser kull preċedent ta' dak iż-żmien, fih innifsu ma jagħmilx il-multa sproporzjonata (335) u Intel naqset milli tindika xi żball legali mwettaq mill-Qorti Ġenerali li jista' jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa l-proporzjonalità tal-multa.**

Fir-rigward tal-applikazzjoni retroattiva tal-Linji Gwida tal-Kummissjoni tal-2006 għall-kalkolu tal-multi, fir-rigward ta' mgħieba li seħħet parzjalment qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom, l-Avukat Ġenerali jqis li l-limiti tad-diskrezzjoni tal-Kummissjoni fl-impożizzjoni ta' multa għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea huma ddefiniti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea u mhux mil-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi. **Sakemm il-multa imposta tibqa' fil-limiti ta' din il-leġiżlazzjoni, Intel ma tistax tinvoka l-prinċipju ta' nonretroattività sabiex tikkontesta l-multa imposta.**

Peress li l-ewwel u l-ħames aggravji għandhom jintlaqgħu, l-Avukat Ġenerali jikkonkludi li **s-sentenza tal-Qorti Ġenerali għandha tiġi annullata. Madankollu, l-Avukat Ġenerali jqis li l-kawża għandha tintbgħat lura lill-Qorti Ġenerali sabiex din teżamina ċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża** u, skont il-każ, l-effett attwali jew potenzjali tal-imġiba ta' Intel fuq il-kompetizzjoni fis-suq intern. Dan jinvolti analiżi tal-fatti li l-Qorti Ġenerali tinsab f'qagħda aħjar li twettaq.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-Avukat Ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi adita b'appell, limitat għall-punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk l-appell ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ li l-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' taqta' t-tilwima hija stess. Jekk dan ma jkunx il-każ, hija tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali, li hija marbuta mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106